**QORTI ĊIVILI**
**(SEZZJONI TAL-FAMILJA)**

**IMĦALLEF**

**Onor. Abigail Lofaro LL.D., Dip. Stud. Rel.,**
**Mag. Jur. (Eur. Law)**

Illum 8 ta' Lulju, 2025

Rikors Ġuramentat: 165/21AL

**A B**

**vs.**

1. **C D (K.I. 727658(M) u**
2. **L R B u W B ilkoll qua eredi tad-defunt K B u**
3. **Id-Direttur tar-Reġistru Pubbliku u**
4. **B'digriet tal-10 ta' Settembru 2024 ġiet kjamata fil-kawża L B u**
5. **B'digriet tal-25 ta' Ottubru 2024 ġew nominati Dr David Anthony Bonello u P.L. Nicolette Aquilina bħala kuraturi deputati biex jirrappreżentaw l-interessi ta' L B**

**Il-Qorti**

Rat ir-rikors ġuramentat[1] tal-attriċi fejn ippremettiet s-segwenti:

*Illi l-attrici twieldet fiz-zwieg bejn id-defunt K B u omm l-esponenti L B u dana A skont l-att tat-twelid numru 1964 tas-sena 1992 (Dok. VB 1).*

*Illi sussegwentement l-attrici giet a konoxxenza taghha illi ghalkemm hija twieldet f'dan iz- zwieg u għalkemm fir-Registru Pubbliku hemm imnizzel bhala 'Missier it-Tarbija' id-defunt K B bid-dettalji kollha relattivi tieghu, il-missier naturali u bijologiku tat-tarbija u cioe illum l-attrici, huwa effettivament il-konvenut C D.*

*Illi l-attrici tirrileva illi min-naha taghha u tal-konvenut C D gja' saru t-testijiet xjentifici opportuni tad-DNA fejn gie kkonfermat li l-konvenut C D huwa l-missier naturali tal- attrici (Dok. VB 2).*

*Illi l-attrici dejjem trabbiet b'mod apert bhala bint il-konvenut C D, li ghex maghha u m'ommha L B, mit-twelid tal-istess attrici.*

*Illi fid-data tat-twelid tal-attrici, il-konvenut C D, kien jahdem bhala "maintenance employee", kellu l-eta' ta' "33", twieled "San Giljan", kien residenti f' "San Gwann" u isem missieru kien "Saviour" (haj).*

*Illi ghalhekk l-attrici qed tressaq din il-kawza halli tottjeni dikjarazzjoni minn din 1-Onorabbli Qorti fis-sens hawn fuq indikat u halli jsiru, permezz ta' ordni tal-Qorti, l-emendi opportuni fl-att tat-twelid tal-attrici mill-konvenut Direttur tar-Registru Pubbliku.*

*Ghaldaqstant l-attrici umilment titlob li dina l-Onorabbli Qorti ghar-ragunijiet hawn fuq premessi joghgobha:*

[1] Fol. 1.

*1. Prevja kull dikjarazzjoni li dina l-Onorabbli Qorti thoss u għandha taghti fic-cirkostanzi, tiddikjara illi d-defunt K B m'huwiex il-missier naturali tal-attrici;*

*2. Tiddikjara illi l-konvenut C D huwa l-missier naturali u bijologiku tal-attrici;*

*3. Tordna lill-konvenut Direttur tar-Registru Pubbliku sabiex jaghmel il-korezzjonijiet mehtiega fl-Att tat-Twelid bin-Numru 1964 tas-sena 1992 u dana billi fl-ewwel lok inehhi d-dettalji kollha tad-defunt K B, mill-imsemmi Certifikat tat-Twelid; u fit-tieni lok jinserixxi d-dettalji kollha tal-konvenut C D bhala 'missier it-tarbija' fl-att ta' twelid in kwistjoni;*

*4. Tordna lill-istess konvenut Direttur tar-Registru Pubbliku halli, wara li jsiru l-emendi kollha mehtiega ai termini tat-tielet talba attrici, johrog att tat-twelid iehor hekk kif korrett.*

*Bl-ispejjez kollha kontra l-konvenut C D u l-konvenuti jew min minnhom minn issa ingunti in subizzjoni*

Rat il-lista tax-xhieda tal-attriċi;

Rat ir-risposta ġuramentata tad-Direttur tar-Reġistru Pubbliku[2] illi permezz tagħha ġew issollevati s-segwenti eċċezzjonijiet:

*1. Illi preliminarjament, l-esponent jeċċepixxi illi l-attriċi ma ddikjaratx fuq liema artikolu tal-liġi qiegħda ssejjes din l-azzjoni. Għaldaqstant, l-esponent huwa tal-umli fehma illi l-attrici għandha tagħmel dan, filwaqt li l-istess esponent bil-permess gentili ta' din l-Onorabbli Qorti jirriżerva d-dritt li jissolleva eċċezzjonijiet ulterjuri jekk ikun il-każ;*
*2. Illi in vena preliminari wkoll, u tenut kont tal-preżunzjoni legali illi r-rikorrenti, imwielda fiż-żwieġ bejn L B u K B, illum*

[2] Fol 15.

*defunt, hija l-wild naturali tal-koppja, l-esponent huwa tal-umli fehma li jkun xieraq u opportun li omm ir-rikorrenti, L B, tiġi msejħa f'din il-kawża sabiex hija wkoll twieġeb għat-talbiet tar-rikorrenti;*

*3. Illi bla ħsara għal premess, l-esponent jeċċepixxi illi qabel ma tiġi trattata l- paternità tal-konvenut C D, għandha tiġi megħluba l-preżunzjoni legali maħluqa ai termini tal-Artikolu 81 tal-Kapitolu 16 tal-Liġijiet ta' Malta, billi adegwatament jiġi ppruvat għas-sodisfazzjon ta' din l-Onorabbli Qorti li l-pussess ta' stat tal-attriċi A B, kif definit fl-artikolu 80 tal-Kapitolu 16 tal-Liġijiet ta' Malta, ma jaqbilx mal-Att tat-Twelid tagħha stess;*

*4. Illi bla preġudizzju għas-suespost u fil-mertu, l-esponent jistqarr li m'huwiex edott mill-fatti li ġew indikati fir-rikors guramentat;*

*5. Illi fiċ-ċirkostanzi jeħtieġ illi l-attriċi tipprova u tissodisfa waħda mir-rekwiżiti li jelenka l-Artikolu 77 tal-Kodiċi Ċivili. Għal dan il-għan jidher li hija annettiet mar-rikors guramentat tagħha kopja tar-rapport ta' test genetiku illi sar u li jindika li hija l-bint naturali tal-konvenut C D. Madanakollu jonqos illi tali rapport jiġi maħluf mit-tekniku li wettqu;*

*6. Illi f'każ li jiġi determinat li r-rikorrenti mhix il-wild naturali tad-defunt K B iżda hija l-wild naturali tal-konvenut C D, l-esponent jirrileva illi għandu jiġi deċiż b'mod definitiv liema kunjom għandha tassumi r-rikorrenti A B;*

*7. Illi subordinatament u f'każ li din l-Onorabbli Qorti tilqa' t-talbiet attriċi, ikun xieraq li l-kliem 'wife of the said K B' li jinsabu fil-kolonna u fir-ringiela fejn hemm indikat it-tagħrif dwar l-omm fl-Att tat-Twelid ta' A B innumerat 1964/1992, kopja ta' liema tinsab annessa mar-rikors promotur u mmarkata 'Dok VB1', jiġu kkanċellati mill-istess Att tat-Twelid. Għaldaqstant l- esponent huwa tal-umli fehma illi*

*għandha tintalab l-awtorizzazzjoni ta' din l- Onorabbli Qorti sabiex issir talba speċifika f'dan ir-rigward, u għandhom jiġu indikati isem u kunjom l-omm fil-mument tat-twelid tat-tarbija u kunjom xbubitha għall-finijiet ta' kompletezza;*

*8. Illi finalment, u mingħajr preġudizzju għas-surreferit, l-esponent jissottometti li fi kwalunkwe każ l-azzjoni tar-rikorrenti mhijiex attribwibbli għal xi għemil jew nuqqas tal-esponent u għalhekk huwa m'għandux jiġi assoġġettat għall-ispejjeż tal-kawża istanti;*

*9. Salv eċċezzjonijiet ulterjuri.*

*Bl-ispejjeż kontra r-rikorrenti li qiegħda tiġi ingunta in subizzjoni.*

Rat il-lista tax-xhieda tal-konvenut Direttur tar-Reġistru Pubbliku;

Rat in-Nota ta' ammissjoni tal-konvenut C D;[3]

Rat id-digriet tal-Qorti tal-25 ta' Ottubru 2022[4] li bih il-Qorti ġibdet l-attenzjoni tal-attriċi sabiex tirregola ruħha dwar l-eċċezzjonijiet tad-Direttur tar-Reġistru Pubbliku;

Rat id-digriet tal-Qorti tal-14 ta' Diċembru 2023[5] li bih il-Qorti ġibdet l-attenzjoni tal-attriċi sabiex tirregola ruħha dwar it-tieni eċċezzjoni tad-Direttur tar-Reġistru Pubbliku;

Rat id-digriet tal-10 ta' Settembru 2024[6] li bih il-Qorti laqgħet it-talbiet tal-attriċi sabiex tikkjama in kawża lil L B u tordna li din tiġi rappreżentata minn kuraturi nominati mill-Qorti għal dan il-għan u taħtar kuraturi deputati għal dan l-iskop;

---

[3] Fol. 19.
[4] Fol. 44.
[5] Fol. 77.
[6] Fol. 111.

Rat id-digriet tal-25 ta' Ottubru 2024[7] li bih il-Qorti ħatret lill-Avukat Dr David Anthony Bonello u lill-P.L. Nicolette Aquilina bħala kuraturi sabiex jirrapreżentaw l-interessi ta' L B;

Rat l-atti kollha;

Rat illi l-kawża tħalliet għal-lum għas-sentenza[8];

Ikkunsidrat:

**KONSIDERAZZJONIJIET**

**1. L-Azzjoni Odjerna:**

L-attriċi titntavola din il-kawża għaliex tgħid illi twieldet fiż-żwieġ bejn id-defunt K B u ommha L B fis-7 ta' April 1992, kif jirriżulta miċ-ċertifikat tat-twelid tagħha, madanakollu K B, ir-raġel ta' ommha ma huwiex fil-fatt missierha naturali. Hija tgħid illi missierha naturali huwa effettivament il-konvenut C D u fil-fatt hija dejjem trabbiet b'mod apert bħala bint il-konvenut C D li għex magħha u ma' ommha mit-twelid u għalhekk qed titlob illi din il-Qorti tiddikjara li l-konvenut D huwa l-missier naturali u bijoloġiku tagħha u tordna lill-konvenut id-Direttur tar-Reġistru Pubbliku sabiex jagħmel il-korrezzjonijiet fiċ-ċertifikat tat-twelid tagħha sabiex jirrifletti dan;

Il-konvenut jintavola nota ġuramentata li biha jiddikjara li huwa m'għandux oġġezzjoni għat-talbiet tal-attriċi u jikkonferma li huwa l-missier naturali tagħha u li mit-twelid dejjem aġixxa bħala tali.

Magħdud ma' dan, il-Qorti tara li l-konvenut Direttur tar-Reġistru Pubbliku ppreżenta r-risposta ġuramentata tiegħu

---

[7] Fol. 113.

[8] Verbal tal-21 ta' Jannar 2025 a fol. 136

fejn jissolleva numru ta' eċċezzjonijiet iżda finalment jirrimetti ruħu għall-ġudizzju tal-Qorti dwar il-kwistjoni tal-paternità.

## 2. Il-Prinċipji Legali

L-attriċi ssejjes din il-kawża fuq l-Artikolu 77 tal-Kap 16 kif dikjarat minnha fin-nota tad-9 ta' Settembru 2021[9] u li biha xxejjen l-ewwel eċċezzjoni tad-Direttur tar-Reġistru Pubbliku. L-Artikolu 77 tal-Kap 16 jipprovdi kif ġej:

*"Bla ħsara għal dak li jiddisponi l-artikolu 81, il-filjazzjoni ta' tifel imwieled matul iż-żwieġ tista' tiġi attakkata wkoll minn kull min ikollu interess:*

*(a) jekk jipprova illi, fiż-żmien bejn it-tliet mitt ġurnata u l-mija u t-tmenin ġurnata qabel it-twelid tat-tifel, ir-raġel kien fl-impossibilità fiżika li jgħammar ma' martu minħabba f'li kien bogħod minnha jew minħabba f'xi aċċident ieħor; jew*

*(b) jekk jipprova li fiż-żmien hawn fuq imsemmi l-mara kienet wettqet adulterju u barra minn hekk jipprova xifatt ieħor li jista' wkoll ikun testijiet u provi ġenetiċi u xjentifiċi li x'aktarx jeskludu lir-raġel bħala l-missier naturali tat-tifel."*

Fil-fatt l-Artikolu 70A jgħid illi

*"Meta tkun meħtieġa l-kjarifika tal-parentela naturali tal-wild: (a) il-konjuġi jista' jeħtieġ lill-konjuġi li wiled u lill-wild; (b) il-konjuġi li wiled jista' jeħtieġ lill-konjuġi u lill-wild; (ċ) il-wild jista' jeħtieġ liż-żewġ ġenituri; u (d) l-allegat ġenitur naturali jista' jeħtieġ liż-żewġ konjuġiu lill-wild, li jagħtu l-kunsens tagħhom għal test ġenetiku dwar il-parentela u li jaċċettaw li jitteħdilhom kampjun ġenetiku xieraq għat-test skont id-dispożizzjonijiet tal-liġi viġenti."*

---

[9] Fol. 21.

**3. L-Azzjoni odjerna b'applikazzjoni tal-Prinċipji Legali:**

L-attriċi tixhed permezz ta' affidavit ppreżentat flimkien mar-rikors ġuramentat tagħha[10] fejn tgħid illi hija dejjem trabbiet bħala bint C D li fil-fatt tgħid li huwa missierha naturali skont anke kif jirriżulta mit-test ġenetiku li hija tippreżenta ma' dan l-affidavit. Hija tgħid li saħansitra trabbiet fl-istess dar ma' C D, flimkien ukoll ma' ommha. Tgħid li kemm D, kif ukoll il-familjari u ħbieb tagħhom dejjem irrikonoxxewha bħala bintu u dejjem mantniha wkoll. Tippreżenta wkoll ritratti[11] li tiddikjara taħt ġurament fin-nota tad-9 ta' Settembru 2021 illi juru lilha fil-preżenza ta' missierha naturali C D.

Jiġi wkoll preżentat affidavit ta' C D[12] li jiddikjara li huwa kellu relazzjoni ma' L B meta din kienet għada miżżewwġa ma' żewġha K B. Minħabba li L B kienet miżżewwġa lil K B, bintha ġiet awtomatikament imniżżla bħala bint K B fuq iċ-ċertifikat tat-twelid tagħha. Jixhed illi hu u L B dejjem għixu flimkien u rabbew lill-attriċi bħala bintu u anke l-ħbieb u l-familjari dejjem irrikonoxxew lilu bħala missier l-attriċi.

Dr Marisa Cassar tikkonferma permezz ta' affidavit ppreżentat permezz ta' Nota fit-3 ta' Novembru 2022[13] illi mit-testijiet li għamlet irriżulta li l-konvenut C D huwa l-missier naturali tal-attriċi A B. B'dan l-affidavit ġiet sorvolata l-ħames eċċezzjoni tad-Direttur tar-Reġistru Pubbliku.

Permezz tat-tieni eċċezzjoni, d-Direttur tar-Reġistru Pubbliku jeċċepixxi illi tenut kont tal-preżunzjoni legali illi l-attriċi, imwielda fiż-żwieġ bejn L u K B, hija l-wild naturali tal-koppja, ikun xieraq u opportun illi L B tkun imsejjħa f'din il-kawża. L-attriċi ntavolat rikors f'dan is-sens u l-Qorti laqgħet it-talba biex tiġi kjamata in kawża L B u ġew appuntati l-kuraturi

[10] Fol. 7.
[11] Dok. JB 2 a fol. 30.
[12] Dok. VB 4 a fol. 8.
[13] Fol. 53.

deputati Dr David Anthony Bonello u l-P.L. Nicolette Aquilina sabiex jirrapreżentaw l-interessi tagħha.

Il-Qorti rat ukoll illi permezz tad-digriet tagħha tal-25 ta' Ottubru 2022[14] irrelevat illi għalkemm l-attriċi tikkontendi li r-raġel ta' ommha K B huwa mejjet, tant li istitwiet il-kawża fil-konfront tal-eredi tiegħu. Madanakollu rat illi in sostenn ta' dan l-attriċi ma kinitx preżentat kopja tal-att tal-mewt tal-imsemmi K B, kif ukoll kopja tat-testment tiegħu u d-dikjarazzjoni *causa mortis* sabiex jiġi konfermat li l-werrieta tiegħu jinsabu kollha parti mill-kawża.

Permezz ta' Nota tal-14 ta' Diċembru 2022[15] l-attriċi tiddikjara illi K B kellu tliet itfal miż-żwieġ tiegħu ma' L B ossia l-intimati L S, R B u W B, debitament notifikati b'din il-kawża, u permezz ta' nota oħra datata 20 ta' Settembru 2023, tippreżenta r-riċerki testamentarji sigrieti u pubbliċi tad-defunt li rriżultaw fin-negattiv.

Il-Liġi fl-Artikolu 77, kif hawn fuq ċitat, titlob illi biex wieħed jattakka l-filjazzjoni ta' wild imwieled fiż-żwieġ jista' jipprova li fiż-żmien bejn it-tliet mitt ġurnata u l-mija u t-tmenin ġurnata qabel it-twelid tat-tifel, il-mara kienet wettqet adulterju u barra minn hekk jipprova xifatt ieħor li jista' wkoll ikun testijiet u provi ġenetiċi u xjentifiċi li x'aktarx jeskludu lir-raġel bħala l-missier naturali tat-tifel.

Madanakollu, anke kif jeċċepixxi d-Direttur tar-Reġistru Pubbliku fit-tielet eċċezzjoni, trid tiġi megħluba l-preżunzjoni tal-pussess ta' stat li l-Liġi tikkontempla fl-Artikolu 81 tal-Kap 16 li jgħid kif ġej:

*"(1) Ħadd ma jista' jitlob stat kuntrarju għal dak li jagħtuh l-att tat-twelid bħala iben imnissel jew imwieled matul iż-żwieġ ul-pussess ta' stat li jaqbel ma' dak l-att.*

---

[14] Fol. 44.
[15] Fol. 61.

*(2) Hekk ukoll, ħadd ma jista' jattakka l-istat ta' iben imnisseljew imwieled matul iż-żwieġ ta' tifel li jkollu l-pussess ta' stat li jaqbel mal-att tat-twelid tiegħu."*

Fis-sentenza fl-ismijiet **Stephen Healy vs Cylde Farrugia Vella et**[16], il-Qorti tgħallem illi: *"Illi pero' fl-opinjoni ta' din il-Qorti l-azzjoni a bazi tal-artikolu 77 hija subordinata ghal dak li hemm provdut fl-artikolu 81 li jipprovdi li l-istat ta iben legittimu ma jistax jigi attakkat minn hadd, lanqas mill-iben innifsu jekk il-minuri ikun akkwista l-istatus ta' iben legittimu mill-att tat-twelid u l-pussess tal-istess stat li jaqbel ma tali att… Illi fi kliem iehor l-azzjoni ittentata skond l-artikolu 77 sabiex tirnexxi trid issir fl-ewwel lok a bazi ta' iben jew bint li skond l-att ta' twelid ma jkunx ikkunsidrat bhala legittimu, jew ghalkemm l-istess att ta' twelid jikkunsidrah legittimu, huwa ma jkunx jippossedi l-istess stat ta' legittimu."*

Il-Qorti rat illi l-attriċi tixhed li hi kibret u trabbiet fl-istess dar ma' ommha u C D u hija kienet taf lill-konvenut C D bħalha missierha għaliex fil-fatt għexet miegħu u ma' ommha u mhux mar-raġel ta' ommha K B. Fil-fatt tgħid li dejjem trabbiet b'mod apert minn C D. C D stess jixhed dwar dan u jaqbel mal-fatti esposti mill-attriċi u jgħid li għalkemm L B qatt ma sseparat legalment minn ma' żewġha K B, huwa dejjem għix ma' B u rebbew lill-attriċi bħala bintu. Jgħid ukoll li dejjem rabbiha mantniha bħala bintu u anke l-familjari u l-ħbieb kienu jirrikonoxxu dan.

L-attriċi tippreżenta wkoll diversi ritratti biex tissostanzja dan il-fatt, fejn tidher, anke ta' età żgħira ma' D u ommha. Dawn ir-ritratti ma ġewx kontestati, bħal ma ma ġiex kontestat l-ebda fatt ieħor li dwaru xehdu l-attriċi u l-konvenut D.

Għalhekk il-Qorti tħoss illi l-attriċi rnexxielha tegħleb il-preżunzjoni mfissra fl-Artikolu 81 u magħdud ma' dan ġabet

[16] Deċiża mill-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili fl-1 ta' Marzu 2001.

ukoll provi ta’ testijiet ġenetiċi li jissodisfaw l-Artikolu 77 u juru b’mod definit illi l-attriċi hija bint C D u mhux K B skont iċ-ċertifikat tat-twelid tagħha. Il-Qorti tara wkoll illi r-realtà bijoloġika tagħha ma hix ser tħalli mpatt fuqha peress li dejjem kienet taf lill-C D bħalha missierha u ppreżentat din il-kawża appositament sabiex hija ssib serħan tal-moħħ li f’għajnejn il-liġi hija wild C D.

Ix-xhieda tal-partijiet, ir-ritratti u t-testijiet ġenetiċi, kkonfermati minn Dr Marisa Cassar flimkien, jikkonfermaw li l-attriċi ċertament fuq bażi ta’ probabilità hija bint C D.

Dwar il-kunjom tal-minuri, l-Artikolu 92 (12) tal-Kap 16 jiddisponi li meta l-filjazzjoni ta’ persuna tkun giet dikjarata mill-Qorti, kull min b’konsegwenza ta’ dan jkun ser jassumi kunjom li ma jkunx il-kunjom użat minnu qabel dak it-tagħrif, jista’ jitlob lill-Qorti kompetenti b’rikors kontra d-Direttur tar-Registru Pubbliku jitħalla juża dak il-kunjom l-ieħor, u jekk il-Qorti tkun soddisfatta li b’dak l-użu mhux ser jiġu preġudikati terzi, u f’kaz ta’ minuri, li dak l-użu ikun fl-aħjar interess tal-minuri, il-Qorti għandha tilqa’ t-talba u tordna lid-Direttur iniżżel annotazzjoni fuq l-Att tat-Twelid.

Il-Qorti tħoss li f’dan il-każ, fejn l-attriċi tixtieq tassumi l-konjom ta’ missierha naturali u *ċioé* D, fejn l-attriċi issa għandha l-età tagħha, u fejn ma jirriżultax preġudizzju mill-fatt li l-attriċi tieħu kunjom missierha naturali, il-Qorti ma tarax għalfejn m’għandiex tilqa’ din it-talba.

**DEĊIDE**

Għal dawn il-motivi, il-Qorti qiegħda taqta’ u tiddeċiedi din il-kawża billi tiddisponi mill-eċċezzjonijiet tad-Direttur tar-Reġistru Pubbliku, u tipprovdi hekk kif ġej:

1. Tilqa’ l-ewwel talba attriċi u tiddikjara li d-defunt K B ma huwiex il-missier naturali tal-attriċi;

2. Tilqa’ t-tieni talba attriċi u tiddikjara li l-konvenut C D huwa l-missier naturali u bijoloġiku tal-attriċi;

3. Tilqa’ t-tielet talba u tordna lid-Direttur tar-Reġistru Pubbliku sabiex jikkoreġi l-att ta’ twelid billi jneħħi d-dettalji kollha tad-defunt K B u jinserixxi d-dettalji tal-konvenut C D bħala “missier it-tarbija”;

4. Tilqa’ r-raba’ talba;

Bl-ispejjeż kollha kontra l-konvenuti ħlief għall-konvenut Direttur tar-Reġistru Pubbliku u l-Kuraturi Deputati, li l-ispejjeż tagħhom jitħallsu mill-attriċi.

Dr. Abigail Lofaro
Imħallef

R Vella Baldacchino
Deputat Reġistratur